**Quddiem l-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**

**Kaz Nru. 029/2020**

**SM & OL**

**(l-ilmentaturi)**

**vs**

**MAPFRE Middlesea p.l.c. (C 5553)**

**(il-provditur tas-servizz)**

**Seduta tat-23 ta' Marzu 2021**

**L-Arbitru,**

**Ra l-ilment**[1], fejn l-ilmentatur, SM, jissottometti li f'Jannar 2019 investa f'karozza gdida li juza bhala *taxi* (*Y plates).* Kien inxurjat *fully comprehensive*, u f'din is-sena kien qed jahdem mas-sittin siegha fil-gimgha fejn ghamel mal-81,000 kilometru.

Stqarr li hu dejjem kellu kummenti pozittivi mill-klijenti li kien jahdem maghhom filwaqt li qatt ma kellu bzonn jiftah *claim*. Qal li, minkejja li din il-vettura hija rregistrata fuq *Moto Rentals Ltd.*, xorta wahda hu responsabbli ghall-*insurance* taghha.

L-ilmentatur sostna li f'Jannar 2020, ipprova jgedded l-*insurance* ghal sena ohra, izda din it-talba ma gietx acettata minhabba li gabulu l-iskuza li kien fetah *claim* fl-2018 bil-karozza privata tieghu.

[1] *A fol.* 4

Hu enfasizza li minhabba li l-polza ma gietx imgedda, kellu jieqaf mix-xoghol. Insista li, skont il-ligi, hu ghandu dritt ghal xi tip ta' polza. Qal li minkejja li offra lill-provditur tas-servizz sabiex jghollilu l-*excess* ghal €5,000 u, minflok polza *fully comprehensive* jigi offrut polza *third party only* jew *third party fire and theft*, din l-offerta ma gietx accettata.

Stqarr li ghalkemm ipprova  jinxurja ma' ditti ohra, sab li dawn kienu digà jafu bl-istorja tieghu u rrifjutawh ukoll.

L-ilmentatur iddikjara li r-rimedju li qed ifittex hu li jkun jista' jinxurja l-karozza sabiex ikun jista' jkompli jahdem, filwaqt li qed ifittex ukoll kumpens tal-flus li qed jitlef kuljum mix-xoghol tieghu, li dan jammonta ghal €250 ghal kull gurnata mill-31 ta' Jannar 2020.

**Ra r-risposta[2] tal-provditur tas-servizz:**

Li permezz tal-prezenti risposta qieghda tirrespingi l-pretenzjonijiet tal-ilmentaturi stante li t-talbiet huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dana ghas-sewgenti ragunijiet:

<u>Fatti</u>

Dan l-Arbitragg jirrigwardja it-tigdid tal-polza tal-assigurazzjoni tal-vettura bin-numru tar-registrazzjoni ALY XXX, liema vettura kienet koperta b'polza ta' assigurazzjoni mahruga mill-mittenti favur *Moto Rentals Co. Ltd.;*

Illi l-klijenta tas-socjetà esponenti hija u minn dejjem kienet *Moto Rentals Co. Ltd.,* liema socjetà kellha f'isimha numru ta' karozzi koperti b'polza ta' assigurazzjoni mahruga mis-socjetà esponenti;

Illi l-istess *Moto Rentals Co. Ltd.* kienet imbaghad tohloq relazzjoni kontrattwali hi ma' diversi nies u thaddimhom bhala sewwieqa ghall-karozzi taghha, fosthom, l-ilmentatur SM;

Illi meta s-socjetà esponenti talbet sabiex tinghata l-lista ta' ismijiet ghas-sewwieqa li kienet qed thaddem il-*Moto Rentals Co. Ltd*. irrizulta l-ilmentatur SM li, ghal bazi tal-kundizzjonijiet ta' operat u *underwriting* taghha, is-socjetà

[2] *A fol.* 14

esponenti rrifjutat illi tkoprih taht polza ta' assigurazzjoni mahruga minnha favur is-socjetà *Moto Rentals Ltd.;*

Eccezzjonijiet preliminari

1. Illi l-ewwel, ilmentatur, OL, kien klijent tas-socjetà esponenti fil-passat izda l-ahhar polza li kellu skadiet f'Gunju 2019 liema polza kienet tirrigwarda vettura differenti minn dik mertu tal-Arbitragg odjern. L-ilmentatur, OL, m'ghandux relazzjoni kontrattwali jew vertenza mas-socjetà esponenti u, ghaldaqstant, m'ghandux interess guridiku jew *locus standi* f'dawn il-proceduri;

   Illi t-tieni ilmentatur, SM, qieghed jivvanta dritt kontra s-socjetà esponenti izda s-socjetà esponenti m'ghandhiex u lanqas qatt ma kellha relazzjoni kontrattwali ma' SM u, ghaldaqstant, jigi sottomess bir-rispett li lanqas dan l-ilmentatur m'ghandu interess guridiku jew *locus standi* f'dan l-ilment;

2. Illi galadarba l-ilmentatur qatt ma kellu relazzjoni kontrattwali mas-socjetà esponenti ma jistax ikollu dritt x'jivvanta fil-konfront taghha;

   L-ilmentaturi jallegaw illi '*Jien ghandi dritt ghal xi tip ta' polza skont il-ligi'* izda, fil-fehma umli tal-esponenti, dan id-dritt ta' tigdid tal-polza ma jemaniex la mil-ligi u lanqas mill-polza li kienet tkopri l-vettura ALY XXX precedentement. Huwa ghal din ir-raguni wkoll illi l-ilment tas-Sinjuri SM u OL ma jistax jirnexxi ghaliex m'huwiex imsejjes la fuq il-ligi u lanqas fuq xi kuntratt ossia l-polza precedenti.

   Illi l-artikolu 3(1) tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li johloq obbligu li kull sewwieq ikollu polza ta' assigurazzjoni li taghmel tajjeb ghad-danni li jistghu jigu subiti minn terzi sabiex vettura tista' legalment tigi misjuqa fit-triq, ma johloq l-ebda dritt favur is-sewwieq li jakkwista polza t'assigurazzjoni fi kwalunkwe eventwalità (*at all costs)*, u wisq inqas ma johloq xi dritt kontra xi assikuratur partikolari, fil-kaz in ezami, s-socjetà esponenti, li bilfors ghandu johrog/igedded polza;

Ghal dawn ir-ragunijiet, fil-fehma umli tas-socjetà esponenti, l-Arbitru ghandu jastjeni milli jiehu konjizzjoni ta' dan l-ilment.

Eccezzjonijiet fil-mertu

Dwar it-talba tal-ilmentaturi illi l-esponenti tigi ordnata tassigura lil SM biex isuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni ALY XXX.

Illi kif digà gie spjegat lill-ilmentatur f'korrispondenza precedeneti ma' zewg avukati differenti tieghu, kif ukoll tramite s-Sur John Attard tal-Ufficcju tal-Arbitru dwar is-Servizzi Finanzjarji, is-socjetà esponenti ghazlet li ma taccettax dan ir-riskju minnu propost meta talab lill-esponenti sabiex tassigurah, u dan minhabba l-*claims* fil-passat ricenti mill-ilmentatur SM (waqt li kien kopert tramite socjetà ohra ta' assikurazzjoni);

Illi din id-decizjoni ttiehdet ukoll tenut kont tal-fatt li fl-okkupazzjoni tieghu ma jkunx responsabbli biss ghalih innifsu izda anke ghal terzi persuni li jkunu rekbin mieghu;

Illi d-decizjoni tal-esponenti li ma tassigurax lill-ilmentatur SM hija purament *business decision* u bhala tali, ladarba m'hijiex illecita, m'hijiex soggetta ghar-revizjoni tal-ebda Tribunal. Illi huwa dritt sagrosant li kull persuna kemm naturali kif ukoll legali tikkontratta liberament ma' min tixtieq hi u ghandha d-dritt li tirrifjuta li tinnegozja ma' min fil-fehma taghha ser johloq riskju wisq kbir ghaliha;

Dan huwa principju fundamentali tas-suq hieles u kien ikun ta' detriment ghas-suq kieku kellu dan it-Tribunal jimpingi f'decizjonijiet bhal dawn.

Ghall-istess ragunijiet hawn fuq moghtija ghalfejn l-esponenti m'ghandhiex tkun ikkundannata tassigura lill-ilmentaturi, l-esponenti m'ghandhiex lanqas tinstab hatja illi kkawzat xi danni lill-ilmentatur. Kif intqal, l-esponenti m'agixxietx bi ksur ta' xi kuntratt vigenti bejn il-partijiet, kemm ghaliex qatt ma kien hemm kuntratt bejn iz-zewg partijiet f'din il-kawza, kif ukoll ghaliex il-polza li setghet titfa' xi responsabilità fuq l-esponenti, sal-lum skadiet. Fil-fatt, il-mertu tal-arbitragg jirrigwarda t-tigdid tal-polza, ossia avveniment fil-futur li ghadu ma sehhx u, ghalhekk, ghadu ma jorbotx lill-partijiet. Lanqas ma hija s-socjetà esponenti hatja ta' xi delitt, in vista li hija qatt ma kienet negligenti jew irresponsabbli.

Hija dejjem wiegbet fi zmien qasir lill-ilmentaturi jew lil-legali tieghu u mmotivat id-decizjoni taghha b'tali mod li huwa seta' liberalment jassigura

ruhu ma’ provditur iehor. Illi ladarba ma kienx hemm la ksur tal-ligi, la ksur ta’ kuntratt u lanqas xi delitt, ma jistghu jirrizultaw ebda danni konsegwenzjali.

Minghajr pregudizzju ghall-premess, l-ilmentaturi ghandhom iressqu l-aqwa prova tad-danni allegatament subiti minnhom;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet sucitati, s-socjetà esponenti tissottometti bir-rispett li:

(i) L-ilment ghandu jigi michud b’mod preliminari, fl-ewwel lok, peress li l-ebda wiehed mill-ilmentaturi m’ghandhom interess guridiku jew *locus standi* fil-konfront tas-socjetà esponenti; u fit-tieni lok, izda wkoll preliminarjament, ghaliex l-ilmentaturi m’ghandhom l-ebda dritt x’jivvantaw fil-konfront tal-esponenti;

(ii) Minghajr pregudizzju ghall-premess, l-ilment ghandu jigi michud ukoll fil-mertu, fl-ewwel lok peress li d-decizjoni tal-esponenti li ma tassigurax lill-ilmentatur SM, hija *business decision* lecita in linea mal-principji tas-suq hieles li m’hijiex soggetta ghar-revizjoni ta’ dan it-Tribunal; u, fit-tieni lok, ukoll fil-mertu ghaliex l-agir tal-esponenti ma kienx tali li kkawza d-danni allegatament sofferti mill-ilmentaturi.

**Ra l-atti kollha tal-kaz.**

**Sema’ ix-xhieda.**

**Eccezzjoni Preliminari**

Qabel xejn, dwar OL, jidher li dan tnizzel biss fil-formola tal-ilment u mhu qed jilmenta minn xejn, ma xehedx, ma gab l-ebda prova u, ghalhekk, l-Arbitru mhux ser iqisu ghall-iskop ta’ din id-decizjoni.

L-ewwel eccezzjoni tal-provditur tas-servizz tirrigwarda l-fatt li skont l-istess provditur:

‘*Il-klijenta tas-socjetà esponenti hija u minn dejjem kienet Moto Rentals Co. Ltd., liema socjetà kellha f’isimha numru ta’ karozzi koperti b’polza ta’ assigurazzjoni mahruga mis-socjetà esponenti;*

*Illi l-istess Moto Rentals Co. Ltd. kienet imbaghad tohloq relazzjoni kontrattwali hi ma’ diversi nies u thaddimhom bhala sewwieqa ghall-karozzi taghha, fosthom, l-ilmentatur SM;*

*Illi meta s-socjetà esponenti talbet sabiex tinghata l-lista ta’ ismijiet ghas-sewwieqa li kienet qed thaddem il-Moto Rentals Co. Ltd. irrizulta l-ilmentatur SM li, a bazi tal-kundizzjonijiet ta’ operat u underwriting taghha, is-socjetà esponenti rrifjutat illi tkoprih taht polza ta’ assigurazzjoni mahruga minnha favur is-socjetà Moto Rentals Ltd.;*’

Minn dan kollu jirrizulta li filwaqt li l-polza kienet qed tohrog f’isem *Moto Rentals Co. Ltd.,* però, l-provditur tas-servizz kellu arrangament sabiex l-istess kumpanija tkun tista’ tkopri lill-impjegati taghha, fosthom, lil SM.

Tant, li fir-risposta tieghu, il-provditur tas-servizz jghid li:

‘*is-socjetà esponenti rrifjutat illi tkoprih taht polza ta’ assigurazzjoni mahruga minnha favur is-socjetà Moto Rentals Ltd.;*

Ghalhekk, ghalkemm SM ma kienx il-*holder* tal-polza, però, kien beneficjarju fis-sens li, skont l-arrangament bejn *Moto Rentals Co. Ltd.* u l-provditur tas-servizz*,* kellu l-possibilità li jigi inxurjat.

L-Arbitru qed jghid dan ghaliex fil-kaz odjern trid tapplika l-ligi specjali u mhux jinghataw eccezzjonijiet daqslikieku l-ligi specjali ma tezistix. Il-ligi applikabbli hija l-Kap. 555 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Din il-ligi hasbet li biex wiehed jaghmel ilment quddiem l-Arbitru jrid ikun *‘klijent eligibbli’*.

Fil-fatt, l-Artikolu 11(1) jistipula li:

*'11. (1) Minghajr pregudizzju ghall-funzjonijiet tal-Arbitru taht dan l-Att, ghandha tkun il-funzjoni tal-Ufficcju li:*

*(a) jittratta ilmenti li jkunu tressqu minn **klijenti eligibbli'.*** [3]

Imbaghad, klijent eligibbli gie definit mil-ligi b'dan il-mod:

'Artiklu 2. *'klijent eligibbli' tfisser klijent li jkun konsumatur ta' provditur tas-servizzi finanzjarji, jew li lilu l-provditur tas-servizzi finanzjarji jkun offra li jipprovdi xi servizz finanzjarju, **jew li talab il-provdiment ta' xi servizz finanzjarju minn provditur tas-servizzi finanzjarji.'***

Mill-fatti tal-kaz jirrzulta li *de facto* l-ilmentatur SM kien wiehed minn grupp ta' mpjegati ta' *Moto Rentals Co. Ltd*. li, skont arrangament li kellha mal-provditur tas-servizz, kienet tista' tinxurja lill-haddiema taghha, fosthom, lill-ilmentatur SM, sabiex ikunu jistghu jaghtuha servizz bhala sewwieqa. Il-provditur tas-servizz stess jghid li hu irrifjuta li jkopri lill-ilmentatur u l-ilmentatur talab dak is-servizz li gie michud lilu. Il-legizlatur ried li anke min jigi rrifjutat servizz minn provditur tas-servizzi finanzjarji jkun jista' jqajjem ilment quddiem l-Arbitru.

Ghalhekk, skont il-Kap. 555 tal-Ligijiet ta' Malta, l-ilmentatur SM ghandu *locus standi* quddiem l-Arbitru ghaliex jaqa' fid-definizzjoni ta' klijent eligibbli. Jekk ghandux ragun fil-mertu hija haga ohra.

Ghaldaqstant, l-Arbitru qed jichad din l-eccezzjoni u jiddeciedi li ghandu l-kompetenza li jqis il-mertu tal-kaz fil-konfront ta' SM biss.

**Fil-Mertu**

**L-Arbitru jrid jiddeciedi l-ilment b'referenza ghal dak li, fil-fehma tieghu, huwa gust, ekwu u ragonevoli fic-cirkostanzi partikolari u merti sostantivi tal-kaz.**[4]

Biex jasal ghad-decizjoni jekk l-ilment huwiex gust, ekwu u ragonevoli, l-Arbitru jrid jara xi provi tressqu quddiemu.

***Il-Verzjoni tal-Ilmentatur***

[3] Enfasi tal-Arbitru
[4] Kap. 555, Art. 19(3)(b)

Fix-xhieda[5] tieghu, l-ilmentatur SM, jghid li xogholu hu *cab driver* ma' *Bolt* bhala *self-employed.* Qal li ma kienx hu personali assigurat mal-provditur tas-servizz izda *Moto Rentals Co. Ltd*. Originarjament, ma kienx identifikat bhala xufier, izda meta l-provditur tas-servizz talab ghall-ismijiet tax-xufiera, hu gie identifikat u, eventwalment, m'accettawx li jergghu jassigurawh.

Stqarr li r-raguni, li huma tawh bil-fomm, kienet minhabba *claims* li hu kellu fuq il-vettura personali tieghu b'numru ta' registrazzjoni RYN 905, meta kien inxurjat ma' *Gasan Group*. Dawn l-incidenti kienu *bumper to bumper*, ma kienx hemm nies li weggghu, filwaqt li ma kien hemm l-ebda intervent ta' *wardens*, u mtliet biss il-*bumper to bumper form*. Qal li l-valur tal-*claims* kien gholi minhabba li l-vetturi involuti kienu jiswew il-flus.

Hu spjega li waqt l-impjieg tieghu ma' *Bolt,* qatt ma kellu incidenti u lanqas *complaints*, la min-naha ta' *Bolt* u lanqas mill-passiggieri.

Qal li:

*'Meta gejt biex nohrog polza ma' MAPFRE, ippruvajt nohrog polza bhala xufier ma' Moto Rentals. Ma nistax napplika fuq ismi mill-ewwel ghax biex ikollok dawn it-tip ta' Y Plates irid ikollok permess fuq garage l-ewwel u jien dan il-permess m'ghandix. Allura, nista' naghmilha fuq garage iehor u l-insurance tohrog fuq min ghandu l-garage.'*[6]

L-ilmentatur tenna li minhabba li m'ghandux *insurance,* bhalissa jinsab wieqaf bla xoghol.

***Il-Verzjoni tal-Provditur tas-Servizz***

Ghall-provditur tas-servizz xehdet Kirsten Coppola, impjegata fl-*Underwriting Department* ta' *Motor* u *Personal Lines*.[7]

Hi qalet li l-vettura ALY XXX hija *taxi* li kienet irregistrata fuq *Moto Rentals Co. Ltd.*, u kienet assigurata mill-1 ta' Frar 2019 sal-31 ta' Jannar 2020.

Xehdet li:

[5] *A fol.* 19
[6] *A fol.* 20
[7] *A fol.* 25

*'… fis-suq kien hemm a big boom in taxis; l-ammont ta' taxis li bdew jinxtraw kienu hafna u l-claims zdiedu wkoll u, bhala underwriting measure, peress li dak iz-zmien konna kwazi l-uniku insurer li konna ninxurjaw it-taxis, iddecidejna li upon renewal, we vet all the drivers. Jigifieri bdejna niccekjaw il-claims history u min huma ghax bdew jidhlulna claims li lanqas biss kienu authorised li jsuqu taxi. Irridu nzommu f'mohhna li r-responsabbiltà hija kbira hafna ghax iggorr il-passiggieri u jrid ikun xi hadd responsabbli u bdejna nivvettjaw id-drivers. U, upon renewal, bdejna nitolbu l-claims history ta' kull wiehed.'*

Ziedet tghid li kif giet ir-*referral form* u raw dawn iz-zewg *claims* fuq l-ilmentatur, iddecidew li ma joffrux kopertura. Hi spjegat kif il-*claims history* issir fuq id-*driver*, filwaqt li, apparti l-ammont tal-*claim,* jaraw ukoll il-*frequency* u s-*severity.*

Hi emfasizzat li:

*'Fil-kaz ta' taxi ser ikun aktar amplified l-ammont ta' hin li ser ikun fit-triq. Meta tara li fuq private car, f'temp ta' sena u nofs, ghamilt zewg claims, li karozza personali ma tuzahiex daqs taxi, we evaluate li fuq taxi ser ikun hemm iktar.'*[8]

Spjegat ukoll kif, meta jigu biex jevalwaw jekk ghandhomx jassiguraw *driver* jew le, ghandhom arrangament ma' *insurers* ohrajn li jaghtuhom informazzjoni dwar il-*claims*. F'dan il-kaz, minhabba l-fatt li l-*claims* precedenti kienu gholjin, GasanMamo m'offrewlux *renewal.*

Ix-xhud iddikjarat li:

*'Il-kriterji li bihom ma nxurjajniex lis-Sur SM kienu l-high claims amount in a limited time. Saru fi zmien qasir, fi zmien sentejn.'*[9]

Qalet ukoll li l-ilmentatur qatt ma kien personalment assigurat ma' MAPFRE, filwaqt li l-vettura ALY XXX, qatt ma kienet f'ismu, izda kienet assigurata fuq *Moto Rentals* u kienet tkopri *any driver over 21.*

[8] *Ibid.*
[9] *A fol.* 26

**Konsiderazzjonijiet ohra**

Fi ftit kliem, l-ilmentatur SM qed isostni li l-provditur tas-servizz iddecieda li ma jgeddidx il-polza tal-assigurazzjoni tal-vettura b'numru ta' registrazzjoni ALY XXX u, kawza ta' dan, l-istess ilmentatur kellu jieqaf mix-xoghol tieghu bhala *taxi driver* ta' din l-istess vettura.

Mill-banda l-ohra, il-provditur tas-servizz argumenta li d-decizjoni li ma tigix imgedda l-polza kienet ibbazata fuq il-fatt li ma kinux lesti li jaccettaw ir-riskju propost minhabba *claims* sottomessi fil-passat meta hu kien kopert ma' kumpanija tal-assigurazzjoni ohra.

Fl-ilment tieghu, SM, indika li hu kien investa f'vettura gdida *Peugeot 308,* b'numru ta' registrazzjoni ALY XXX, sabiex juzaha bhal *taxi* bil-*Y plates*. Qal li din l-istess vettura hija rregistrata fuq *Moto Rentals Co. Ltd*. izda xorta wahda hu responsabbli ghall-assigurazzjoni taghha. Fl-istess waqt, il-provditur tas-servizz enfasizza fuq il-fatt li qatt ma kien hemm relazzjoni kuntrattwali bejnu u bejn l-ilmentatur; u l-klijent tieghu hu, u minn dejjem kien, *Moto Rentals Co. Ltd*., liema kumpanija kellha f'isimha numru ta' karozzi koperti b'polza ta' assigurazzjoni mahruga mill-istess provditur tas-servizz.

Eventwalment, *Moto Rentals Co. Ltd.* kienet tohloq relazzjoni kontrattwali hi ma' diversi nies u thaddimhom bhala sewwieqa ghall-karozzi taghha, bhalma kien l-ilmentatur.

L-Arbitru m'ghandux informazzjoni addizzjonali dwar it-tip ta' polza li kienet tinhareg mill-provditur tas-servizz f'dan ir-rigward, jew inkella informazzjoni dwar it-tip ta' relazzjoni bejn is-sewwieqa, bhalma kien l-ilmentatur, u *Moto Rentals Co. Ltd.*

Mill-informazzjoni sottomessa jidher li f'Jannar 2020, mal-iskadenza tal-polza t'assigurazzjoni li permezz taghha l-ilmentatur kien kopert isuq il-vettura b'numru ta' registrazzjoni ALY XXX, il-provditur tas-servizz iddecieda li ma jgeddidx din l-istess polza minhabba *claims* precedenti relatati mas-sewqan tal-vettura personali tieghu, li l-ilmentatur innifsu kien ghamel lil kumpanija tal-assigurazzjoni ohra. Permezz tax-xhieda tar-rapprezentant tal-*Underwriting Department*, il-provditur tas-servizz enfasizza li d-decizjoni li wasslet ghal dan

ir-rifjut kien il-fatt li l-ammont ta' dawn l-istess *claims* kien gholi u dan f'perjodu qasir ta' zmien.

L-ilmentatur insista li bil-ligi hu obbligat li jkollu polza tal-assigurazzjoni.

Huwa minnu li, skont Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta, kull vettura ghandu jkollha polza tal-assigurazzjoni li tkopri r-riskji ta' terzi persuni izda, mill-banda l-ohra, l-ebda ligi ma tobbliga lil kumpanija tal-assigurazzjoni sabiex taghmel dan.

Meta persuna tkun qed tersaq ghand kumpanija tal-assigurazzjoni sabiex din tal-ahhar toffri l-kopertura mitluba, il-klijent prospettiv ikun qed jitlob li jittrasferixxi r-riskju lill-kumpanija tal-assigurazzjoni li, eventwalment, din tal-ahhar tkun lesta li taccetta. Minkejja li kwalunkwe polza tal-assigurazzjoni ggib maghha diversi kundizzjonijiet u anke eskluzjonijiet, xorta wahda hija decizjoni tal-kumpanija koncernata jekk ghandhiex taccetta r-riskju propost lilha jew le.

Normalment, polza tal-assigurazzjoni tal-vettura, bhal f'dan il-kaz, hija kuntratt ghal sena. F'dan il-kaz, il-pozla kienet tkopri l-perjodu Frar 2019 sa Jannar 2020.

Mal-iskadenza ta' dan il-perjodu, hija il-kumpanija innifisha li tiddeciedi jekk ghandhiex taccetta r-riskju u, jekk iva, fuq liema bazi. Ovvjament, il-klijent ghandu d-dritt li jaqbel mal-kundizzjonijiet tal-polza offruta lilu jew le, u jista' jfittex assikurazzjoni ohra li taghtih vantaggi ahjar. Ghalhekk, f'suq kompetittiv, anke l-kumpaniji tal-assikurazzjoni jridu joqghodu attenti li ma jnaffrux kemm lill-klijenti ezistenti kif ukoll ohrajn li jithajjru jixtru s-servizz taghhom.

F'dan il-kuntest ta' tigdid tal-polza, l-Arbitru jaghmel referenza ghal dak li jghid **John Birds**[10] dwar din il-kwistjoni u jispjegaha b'mod car hafna:

'*The question of the length of an insurance contract is a matter for the policy itself to provide. There are no rules of law. However, it is safe to state as a general rule the life contract is quite different from other insurance policies. There must be at least a presumption that a life contract is entire, is one contract, existing until the death of the life assured or a specified fixed date in the case of an endowment or term policy … In contrast most other policies are*

[10] *Birds' Modern Insurance Law, (Sweet and Maxwell) Tenth Edition,* p. 104-105

*of limited duration, normally of one year, though of course, there is no bar to the agreement of a policy for a shorter or longer term. But upon expiry of such policy, if the parties choose to renew the contract, the renewal is clearly in law a fresh contract …'.*

Moreover, '*Apart from life policies there is no right to renew an insurance contract in the absence of a term of the contract to that effect'.*[11]

L-Arbitru m'ghandu l-ebda prova li l-polza *in vigore* kellha xi klawsola li din ghandha tiggedded awtomatikament u, ghalhekk, ma jistax jordna t-tigdid taghha. Lanqas ma jista' jimponi fuq l-assikurazzjoni lil min tista' tassikura.

L-Arbitru, ghalhekk, mhuwiex f'pozizzjoni li jimponi fuq il-provditur tas-servizz sabiex igedded il-polza u, ghaldaqstant, ghar-ragunijiet imsemmija aktar 'il fuq f'din id-decizjoni, ma jistax jilqa' dan l-ilment.

Minhabba n-natura tal-kaz, kull parti thallas l-ispejjez taghha.

**Dr Reno Borg**
**Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**

[11] *Ibid.,* p. 107